**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 98 / 14RGM

Kawza fil-lista: 9

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fis-16 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Annalisa Caruana datat 26 ta' Novembru 2007 isseparaw minn ma xulxin;

Illi huma ghandhom zewg it-tfal bl-isem D u E B li twieldu nhar is-6 ta' Gunju 2005 u 26 ta' Novembru 2006 rispettivament;

Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni gie stipulat li l-kura u l-kustodja tat-tfal kellha tkun wahda kongunta;

Illi pero' l-minuri dejjem trabbew mal-missier;

Illi llum il-gurnata l-omm qatet il-kuntatti minn mat-tfal u ma ghadhiex tezercita 1-ebda access;

Illi minn mindu issepara minn ma’ martu r-rikorrenti ha hsieb ta' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-bzonnijiet tat-tfal tieghu u dan kemm dawk ta' edukazzjoni, medicini, hajja u trobbija;

Illi l-intimata qatt ma uriet interess fit-trobbija ta' dawn it-tfal;

Illi fil-fatt fl-1 ta' Ottubru 2010, l-intimata C B iffirmat dikjarazzjoni bil-gurament fejn saret referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni u l-intimata C B tat il-kunsens taghha u dan 'minghajr ebda rizerva jew kundizzjoni u dan biex il-kura u kustodja ta' D u E ahwa B, li hija indikata bhala kongunta' fil-kuntratt tas-separazzjoni kwotata aktar il-fuq tigi ezercitata esklussivament mir-rikorrenti A B;

Illi l-esponenti jixtieq li l-kuntratt ta' separazzjoni jigi rivedut b'dan illi jkun kemm klawsola li tirregola l-manteniment tal-minuri u dan stante li l-intimata ma hiex qieghda tikkontribwixxi finanzjarjament fit-trobbija tal-minuri;

Illi ghalkemm inzammu zewg seduti ta' medjazzjoni sabiex jigi diskuss il-manteniment tat-tfal, l-intimata naqset li tattendi;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna lill-intimata thallas l-manteniment mensili ghaz-zewg minuri D u E B;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi r-rikors guramentat tar-rikorrent huwa intiz sabiex jizgwida lill-Qorti u dan ghar-ragunijiet li se jissemmew f’din ir-risposta guramentata.

2. Illi r-rikorrent qieghed jipprova juri lill-esponenti bhala persuna ghal kollox irresponsabbli meta dan mhuwiex minnu.

3. Illi wara li saret is-separazzjoni personali, il-minuri bdew iqattghu nofs il-gimgha mar-rikorrent u n-nofs l-ohra ma' l-esponenti.

4. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti qatghet kull kuntatt li hija kellha ma' wliedha, izda kien ir-rikorrent li persistentement cahhad lill-esponenti milli tara lill-uliedha.

5. Illi jekk ir-rikorrent ha hsieb hafna mill-affarijiet ta' kuljum tat-tfal minuri, dan ghamlu sabiex jeskludi kompletament lill-esponenti minn hajjet il-minuri.

6. Illi r-rikorrent ikompli jqarraq meta jghid li l-esponenti qatt ma wriet interess fit-trobbija ta' wliedha meta din ta' l-ahhar ghamlet diversi rapporti minhabba li r-rikorrent ma kienx jezercita l-access gewwa l-agenzija Appogg, u li ilha xhur shah tmur l-Agenzija Appogg sabiex tirsisti sabiex terga' tara lill-uliedha.

7. Illi jekk l-esponenti, skont ma qieghed jallega r-rikorrent, ma hix tikkontribwixxi ghall-manteniment, l-kuntratt li ffirma ghaliha l-istess rikorrent jghid li " ... din ir-revoka hija rrevokabbli u tibqa 'fis-sehh ghalkemm ikun hemm bdil fic-cirkostanzi ta' kull parti".

8. Illi l-kuntratt anness mar-rikors guramentat jobbliga lill-partijiet ukoll "il-partijiet jintrabtu illi ma jindahlux fil-hajja privata ta' kull wiehed u wahda minnhom".

9. Illi pero', minhabba f'relazzjoni li l-esponenti kellha ma' terza persuna, r-rikorrent iddecieda li jcahhad lill-esponenti milli tara lill-uliedha.

10. Illi ghalkemm din ir-relazzjoni ilha li ntemmet ghal iktar minn harnes snin, r-rikorrent xorta wahda baqa' jinsisti li ma jhallix lill-esponenti milli tara lill-uliedha, u dan anke kontra ordni tal-Qorti.

11. Illi anke il-genituri ta' l-esponenti huma mpediti milli jkollhom relazzjoni kif suppost ma' binthom u dan sabiex huma jibqghu jaraw lill-minuri.

12. Illi ghalkemm il-minuri ghandhom ohthom izghar minnhom, ir-rikorrenti jibqa' jinsisti li wliedu ma jiltaqghux ma' ohthom minuri.

13. Illi l-esponenti pprezentat anke rikorsi fejn talbet li hija terga' tibda tara lill-uliedha, u hemm anke pendenti medjazzjoni f'dan is-sens.

14. Illi ghal wahda mill-appuntamenti ta' medjazzjoni imsemmija mir-rikorrent, l-avukat sottofirmat ta' l-esponenti kienet cemplet lill-medjatur fejn infurmatu li hija ma tistax tattendi u biex ghalhekk jaghti appuntament iehor.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu ordnat lil C B sabiex thallas lil A B bhala manteniment pendente lite ghall-minuri D u E is-somma ta' €250 fix-xahar li jinkludu spejjez ta' edukazzjoni u sahha b'effett mid-9 ta' Dicembru 2014.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur tas-7 ta’ Lulju 2015;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuta tal-20 ta’ Ottubru 2015;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Novembru 2015;

Rat l-atti kollha, inkluz l-atti tal-medjazzjoni allegati bin-numri 837/07, 1454/09 u 214/14.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**

L-attur ressaq it-testimonjanza tieghu bil-mezz ta’ affidavit[1], fejn jghid inter alia, illi ghalkemm meta ssepara minn ma' martu, l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri kienet kongunta, huma dejjem trabbew u ghexu mieghu, bl-ghajnuna tal-genituri tieghu. Jghid li l-access kien jigi ezercitata mill-omm gewwa l-agenzija Appogg peress li kien supervizjonat, izda peress illi t-tfal huma fuq taghhom, l-Agenzija ghamlet rikors sabiex l-access ma jibqax jigi ezercitat gewwa l-agenzija. L-omm baqghet ma rrispondietx ghal tali rikors u ghalhekk ilha xhur ma tara lit-tfal.

L-attur jghid illi huwa jiehu hsieb dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-bzonnijiet tat-tfal bhal edukazzjoni, medicini, hajja u trobbija, u l-konvenuta qatt ma kkontribwiet ghall-manteniment tat-tfal. Jghid li issa hu spicca bla xoghol ukoll.

Gie pprezentat ukoll affidavit ta' omm l-attur Philipa B[2] li tixhed li meta l-attur issepara huwa mar jghix maghha u ma' zewgha flimkien maz-zewg minuri. Tghid li dawn it-tfal dejjem trabbew ma' missierhom u l-konvenuta la tikkontribwixxi u l-lum il-gurnata lanqas biss tarahom.

Waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-attur jipprezenta Dok BG1 li jindika d-dhul annwali tieghu ghas-sena 2013[3] li kien ta' €12,545.20 u jsemmi inter alia, li ghat-tfal ihallas €1000 donation bejn it-tnejn, €240 kull tliet xhur ghall-minibus, u affarijiet ordinarji ta' kuljum apparti mistura ghal D peress illi huwa hyper. Jghid li jmorru l-iscouts u ser jibdew skolasport, u

---

1 Fol 18
2 Fol 19
3 Fol 29-30

jissottometti wkoll illi l-konvenuta qatt ma kkontribwiet ghal xejn minn mindu sseparaw.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 quddiem l-Assistent Gudizzarju, l-konvenuta pprezentat l-affidavit taghha Dok GR1[4], kif ukoll dikjarazzjoni dwar l-introjtu taghha Dok GR 2[5].

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tixhed, inter alia, illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur intrabat li jipprovdi ghall-htigijiet kollha taz-zewgt itfal taghhom. Tghid li fil-bidu kienet tarahom regolarment u kienet anke tohodhom weekends, izda meta darba minnhom il-partner taghha li minnu kellha tifla, qabad jghajjar lill-attur mat-tfal, l-access inqata` kompletament. Wara dan l-incident tghid li bdiet tara lil uliedha gewwa l-Agenzija Appogg, sakemm inqala` incident ma' omm l-attur u l-Agenzija Appogg waqqfu l-access ghandhom.

Il-konvenuta ssostni illi hi qatt ma ppartecipat fid-decizjonijiet importanti rigwardanti t-tfal u qatt ma nghata informazzjoni dwar skola u attivitajiet. Tghid li ghalkemm huwa minnu li l-ex partner taghha kellu diversi problemi, hi ma ghandhiex x'taqsam u ilha zmien twil ma tghix mieghu, izda biss ma' bintha minuri Jais.

L-attrici tghid li ilha iktar minn sena ma tara liz-zewg minuri, u l-genituri taghha bilkemm ikellmuha sabiex ma jiksrux ir-relazzjoni li ghandhom mal-attur u hekk jibqghu jaraw lit-tfal.

Dwar l-iskrittura li permezz taghha hija tat il-kura u l-kustodja esklussiva lill-attur tghid li hi ma kinitx taf x'qed tiffirma ghax ma tantx taf taqra u jekk ma hadd ma jispjegalha, ma tistax tkun taf il-kontenut. Tghid ukoll li meta ffirmat hija kienet ghaddejja bil-kura ghad-depression u kienu qalulha li ahjar tiffirma halli jekk jinqala` xi haga lit-tfal ma jkunx hemm bzonn li tmur hi biex tiffirma u hekk ikun ta' gid ghat-tfal stess.

Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha dwar l-introjtu li ghandha tghid li hija tippercepixxi s-somma ta' €400.35 fix-xahar bhala ghajnuna socjali, u paga *part time* li ma tkunx dejjem l-istess. Hija tipprezenta Dok RGO1 u Dok RGO2 li juru illi fix-xahar ta' Lulju 2014 id-dhul net taghha kien ta' €248.36, mentri fix-xahar ta' Settembru 2013 id-dhul net taghha kien €210.89. Tipprezenta wkoll Dok RGO3 li hija l-FS3 taghha ghas-sena 2013, fejn jirrizulta li d-dhul annwali taghha kien ta' €3506. Tghid li hija ghandha l-ispejjez normali ta' kuljum, li jinkludu s-servizzi ta' dawl u ilma, kif ukoll hija trabbi wahedha lit-tifla minuri taghha Jais Grima li ghaliha ma tippercepixxi ebda manteniment.

4 Fol 35
5 Fol 37

Fl-affidavit addizzjonali tieghu, l-attur[6] jixhed illi huwa jonfoq madwar €500 fix-xahar sabiex jitma u jixtri l-hwejjeg ghaz-zewg minuri. Jghid li l-ispejjez ghall-edukazzjoni jammontaw ghal madwar elf u hames mitt Euro (€1500) fis-sena apparti kotba u affarijiet relatati, kif ukoll spejjez ta' kura u medicini. Huwa jannetti numru ta' ricevuti li sab ta' dak kollu li nefaq li jammontaw ghal €3,121.

In kontro-ezami waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju 2015, l-attrici tixhed inter alia, illi l-attur qatt ma ried xejn minghandha, dejjem jarmilhom jew iqattalhom l-affarijiet li kienet tiehu lil uliedha. Tghid li ma tafx li fl-affidavit taghha qalet li fuq il-kuntratt ta' separazzjoni kienu ftehmu li l-attur kellu jaghmel tajjeb ghal-htigijiet tat-tfal. Tghid li qatt ma ftehmu dwar dan. Tghid ukoll li missier it-tifla li kellha wara s-separazzjoni hajtu kollha l-habs u ghalhekk ma tistax titolbu manteniment ghall-istess minuri.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrizulta illi madwar tliet snin wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejn il-partijiet, saret addenda ghall-istess kuntratt, li permezz taghha l-konvenuta bil-gurament tat il-kunsens taghha sabiex *'minghajr ebda rizerva jew kundizzjoni'*, l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata b'mod esklussiv lill-attur. Jirrizulta pacifiku wkoll illi l-kwistjoni tal-manteniment versu t-tfal minuri tal-partijiet qatt ma gie diskuss u kwindi deciz bejn il-partijiet.

Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili applikabbli ghall-kaz odjern, referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:-

*Artikolu 7*
*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

*Artikolu 19*
*(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.*
*(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.*

*Artikolu 20*
*(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*
*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort'ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

6 Fol 51

*(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust.*

*L-<u>Artikolu 54 (2)</u> jipprovdi dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin:-*

*2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kaz ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom;*

*(b) xi dizabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilità, kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkomprometttu l-kapacità tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom; -*

*(d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, ilparti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;*

*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircievu skont il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurtà Socjali:*

*"Izda, ghall-fini ta' dan il-paragrafu, ghandha titqies il-pensjoni ghad-dizabilità taht l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali;*

*(f) il-htigiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(g) l-ammont li kien ikun dovut lil kull waħda mill-partijiet bħala benefiċċju, inkluż, iżda mhux limitat għal, benefiċċju taħt skema ta' pensjoni, liema benefiċċju dik il-parti tkun ser titlef l-opportunità jew il-possibbiltà li tikseb bħala riżultat tal-firda.*

Jirrizulta assodat fil-gurisprudenza patria illi l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied b'dan li t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa dettat u kkalkulat skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap 16, skont il-mezzi taghhom u l-bzonnijiet tal-minuri, dejjem fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut (vide in subjecta materia PA (RCP) **Lea Tabone pro et noe vs. Jesmond Tabone** [2.10.2003]).

Inoltre hu car li hemm elementi importanti in materja ta' manteniment bhal ma huma l-ispejjez bazici ta' spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li kellhom jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun xi jkun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibilitajiet tieghu (vide App.C. **Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra** [13.07.2001]).

Applikati l-provvedimenti legali u l-gurisprudenza aktar 'il fuq citata ghal kaz in ezami, l-Qorti hi tal-fehma illi ghalkemm huwa minnu li d-dhul tal-konvenuta huwa relattivament baxx, xorta jissussisti fiha l-obbligu, skont il-mezzi ristretti taghha, li tikkontribwixxi ghat-trobbija ta' uliedha minuri.

Il-konvenuta stess a fol 115 tissottometti illi hija fehmet illi l-manteniment huwa obbligu taghha li  ma jorbotx fuq il-fatt jekk hija tkunx qed tara lil uliedha jew le. Tghid biss illi riedet lil din il-Qorti tara l-istampa kollha, inkluz il-fatt illi ma hijiex qed tara lil uliedha, kif ukoll il-fatt li qed tmantni wahedha minuri ohra li kellha minn relazzjoni ohra.

Sabiex tasal ghal decizjoni dwar il-quantum pagabbli mill-konvenuta ghal uliedha minuri, din il-Qorti qieset il-fatturi kollha applikabbli ghall-kaz odjern, fosthom id-diskrepanza bejn id-dhul tal-attur u dak tal-konvenuta, l-ispejjez konsiderevoli illi jirrikjedu z-zewg minuri b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni taghhom, l-attivitajiet extra-kurrikulari u l-bzonnijiet medici li jistghu jinqalghu, kif ukoll il-fatt illi ghalkemm huwa minnu illi l-konvenuta ghandha livell ta' edukazzjoni baxx, huwa minnu wkoll illi tista` tirsisti sabiex issib xoghol iktar fiss u b'hekk tippercepixxi introjtu ghola u izjed regolari.

Ghalkemm l-attur qed jitlob manteniment fis-somma ta’ €400 fix-xahar ghaz-zewg minuri konsiderati l-provi kollha migjuba fir-rigward, din il-Qorti hi tal-fehma illi manteniment gust da parti tal-konvenuta fir-rigward taz-zewg ulied minuri tal-partijiet ghandu jkun ta' tliet mitt Euro (€300) fix-xahar, li jinkludu l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

1. Tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur bhala manteniment ghaz-zewg minuri D u E is-somma ta’ tlett mitt Euro (€300) fix-xahar, dan b’effett millum, rapprezentanti €150 fix-xahar ghal kull wild li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, li jinkludi spejjez ta’ edukazzjoni u sahha.

2. Il-manteniment huwa ordnat jibqa’ jithallas fl-eventwalita’ li l-minuri jibqghu jistudjaw full-time wara li jaghlqu tmintax-il sena u sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**